MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 325/2007

**CCA Intersev Limited**

**Vs**

**Bruins Consortium Limited.**

**Il-Qorti:-**
Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici nhar it-tletin (30) t'Ottubru 2008 fejn s-socjeta attrici tablet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' tlitt elef seba' mija u tmienja u disghin lira Maltin (LM3,798 ) ekwivalenti ghal tmint elef tmien mija u sitta u erbghin Ewro), liema somma li hija certa, likwida u dovuta, tirrapprezenta bilanc minn somma akbar dovuta lilha ghal servizzi profesjonali rezi lilha mill-istess socjeta attrici fuq inkarigu taghha.

Bl-ispejjez inlkuzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat fil-hdax (11) t'Ottubru 2007 u bl-imghaxijiet

legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi x-xoghol professjonali rez minnhom, ma sarx bil-hila, arti u sengha rikjesta mill-ligi u s-socjeta ntimata rrikorriet spejjez zejda biex tirretifika n-nuqqasijiet.

In ogni caso u bla pregudizzju ghal fuq espost jekk hemm xi ammont x'jigi likwidat favur is-socjeta rikorrenti dan hu bil-wisq anqas minn dak pretiz kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin (23) t'April 2008 xehed **Dr. Jean Philip Chetcuti** u dan fil-kapacita tieghu ta' Direttur tas-socjeta attrici. Spjega li s-socjeta attrici hija kumpanija ta' *international trade*. Qal li d-Diretturi tas-socjeta konvenuta kienu talbu lis-socjeta attrici sabiex jaghmlu l-formolazzjoni taghha, u wara li kienet ghamlet hekk kienet giet mitluba sabiex taghtihom servizz ta' *management, accounting* u *administration*. Dwar ir-rati, huma kienu qablu.

Ikkonferma li s-socjeta konvenuta kienet giet registrata fis-sena 2006. Jghid li l-maggor parti tas-servizzi li s-socjeta attrici kienet tat lis-socjeta konvenuta, kienet tikkonsisti f'kwistjoni ta' amministrazjoni w *accounting*.

Jispjega li r-relazzjoni ta bejn iz-zewg socjetajiet kienet wahda tajba u l-klijent kien dejjem jghidilhom li kien kuntent bis-servizz li kien jinghata. Qal li l-klijent ma kienx wiehed garbat, tant li gieli kien ikollu *invoices* minghajr numru tal-VAT, gieli kien johrog *invoices* darbtejn, darba ghad-depozitu u darba ghall-bilanc u jkollu l-istess *invoice number* w ghalhekk ix-xoghol taghhom kien aktar difficli. Fil-fatt ighid li kien ta' diversi struzzjonijiet lill-klijent kif kellhom johorgu l-*invoices* u dan huwa kkonfermat minn dak mitlub f'diversi *e-mails* li gew

skambjati.  Jghid li gieli kellu jsir xoghol doppju sabiex jirregolarizzaw l-affarijiet sewwa.

Stqarr li r-relazzjoni ta' bejniethom iddeterjorat meta s-socjeta attrici harget l-*invoices* relattivi li dwarhom qed issir il-kawza odjerna.  Huma staqsew lill-klijent jekk kienx hemm xi haga li ma kienitx qed iddoqqlu, izda il-klijent ghal diversi xhur, cahad li kien hemm xi problema.  Izda wara certu zmien, saru jafu li kien ingagga socjeta ohra sabiex tghamel ix-xoghol tieghu.  Sahansitra jghid li kien hemm zmien meta anke kien affronta mpjegata tas-socjeta attrici u talabha il-*file* tieghu u jiltaqa' maghha wara l-hin tax-xoghol. Ikkonferma li d-debitu msemmi fl-avviz, kien ghadu dovut.

Illi nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 2008 x-xhud esebixxa dokument, konsistenti f'zewg pagni li huma skeda ta' tariff li qabel maghhom il-klijent dawn gew immarkata bhala Dok.  JPC 1. Esebixxa wkoll iz-zewg fatturi li ma gewx imhallsa u dawn gew immarkati bhala Dok. JPC 2 u JPC 3, li l-valur f'dawn iz-zewg dokumenti jeccedu dak imsemmi fid-Dok. JPC 4 u cioe fl-*istatement of  accounts* u dan peress illi kien sar xi pagament.  Jikkonferma li l-bilanc dovut huwa ta' 8846 Euros.

Jghid li meta huwa kien iltaqa mal-klijent qabel m'infethet il-kawza odjerna, qatt ma kien kkontesta l-kontijiet fis-sens ta' *over charging*, *over payment* jew li ma kienx kuntent bis-servizz.  Jghid li l-klijent dejjem cahad li kien hemm xi problema dwar il-kontijiet.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2008 x-xhud spjega li effetivament s-socjeta attrici kienet qed izomm anqas minn dak dovut lilha, kif jista jigi konfermat mid-Dok.  A u B.

Illi nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 2008 xehdet **Ritienne Cassar** fil-kapacita taghha ta' *accountant* mas-socjeta attrici.  Qalet li d-dirigenti tas-socjeta konvenuta attrici kienu talbuha tghamel xi xoghol ghas-socjeta konvenuta billi tghamel *recording* tad-dokumenti fis-sistema sabiex b'hekk tohrog VAT *returns*.  Dan kien xoghol normali

ghall-*accountant*. Ikkonfermat li l-kuntatt taghha mas-socjeta konvenuta kien tramite d-Direttur taghha Harold Randolf. Ikkonfermat li r-relazzjoni taghha mieghu kienet wahda professjonali tajba, ghalkemm kien ikollha diversi *follow ups* x’taghmel mieghu, peress illi ma kienx il-klijent idejali. Stqarret li l-klijent ma tantx kien jigi Malta, pero kienu jikkorispondu premezz ta’ *e-mails* u telefonati.

Qalet li gili kien ikollha xi problemi mieghu fis-sens li ma kienx jibghat xi dokumenti rikjesti jew kien ikollu xi informazzjoni nieqsa, jew jimla VAT *numbers* hziena. Hija esebiet dokument, konsistenti f’*file* li gie markat bhala Dok. CSH li jikkonsisti f’diversi dokumenti li jikkonsisti f’ *e-mails* u *attachments* li kienu jigu mibghuta lil Harold Randolf. Hija spjegat dan id-dokument fit-tul u cioe tefghet aktar dawl fuq l-operat taghha u cioe dak li kienet tghamel ghall-klijent in kwistjoni.

Illi nhar il-wiehed u tletin (31) ta’ Lulju 2008 id-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali esebixxa ittra li huwa kien allegatament ircieva minghand Harold Randolf fejn fiha hemm insinwazzjoni li huwa ma jixtieqx ikompli bil-proceduri odjerni u jghid li s-socjeta attrici effettivament kienet ghamlet mandat ta’ sekwestru u permezz tal-istess, hija kienet issekkwestrat aktar minn dak dovut lilha. Illi pero din l-informazzjoni moghtija minn Harold Randolf ma tikkostitwixxi ebda prova legali w ghalhekk din il-Qorti sejra tiskarta dak kollu li hemm imnizzel f’dan l-istess dokument.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti sejra telenka in materja ta’ provi r-regoli li ghalija huma l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku.

I. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi, timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-esistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sia fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza

tal-attur (*reus excipieno fit actor).* Ara Kollez. **Vol. XLV1 p1 p5.**

2. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, '*jista ikun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta*.' (**Kollezz. Vol. XXXV11 p1 p577).**

3. Il-gudikant, adit mill-mertu tal-kaz, hu tenut jiddecidi *iuxta alligata et probata*, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkostanzi tal-fatti dedotti a bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat m'huwiex veru ghax mhux ppruvat.

4. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-appezzament tar-rizultanzi probabtorji w allura, hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali mpost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jrid li fis-sentenza, tinghata motivazzjoni ragjonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku.

5. Skond l-ordni guridiku tar-regoli probatorji, jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok li jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu li l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jghamlux, il-konvenut jibqa assistit mill-principju li l-piz tal-prova, huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz li l-attur ikun irnexxielu imqar 'prima facie', jistabilixxi t-tezi tieghu li mbaghad il-piz tal-prova jissosta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif inghad minn **Phipson on Evidence** 11th Edition para 103 '*In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case*.'

L-istess awtur jispjega wkoll (op. Cit. Para 91) li r-regola '*ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio' is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case*.'

Ferma din l-introduzzjoni, bla dubbju l-kwistjoni hawn sottomessa, hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilta li trid tinghata lil provi istruttorji hawn migbura. Valutazzjoni din li necesarjament trid tkun wahda globali fil-kwadru t'investigazzjoni unitarju u organiku.

Mill-elementi tal-provi proceduralment akkwiziti, din il-Qorti trid tissenjala dawn il-fatti ta' sustanza.
1. Illi m'huwiex kontestat li bejn is-socjetajiet kontendenti f'din il-kawza, kien hemm relazzjoni fis-sens li s-socjeta attrici kienet tghamel xoghol t'*accounting* ghas-socjeta konvenuta, skond ma jirrizulta mid-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici.

2. M'huwiex kontestat lanqas li s-socjeta konvenuta ma halsitx lis-socjeta attrici ghas-servizzi rezi minnha lilha.

3. Illi pero kif jirrizulta mis-risposta tas-socjeta konvenuta allegatament ix-xoghol maghmul mis-socjeta konvenuta ma sarx skond is-sengha u ll-arti.

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata bix-xhieda guramentata ta' Dr. Jean Pierre Chetcuti li qal li s-socjeta konvenuta ghandha debitu mas-socjeta attrici fis-somma ndikata minnha fl-avviz u li *pendente litis*, is-socjeta konvenuta m'ghamlet l-ebda pagament akkont ghalkemm fir-risposta taghha tghid li jekk hemm xi ammont li jrid jigi likwidata favur is-socjeta attrici dan hu wisq inqas minn dak mitlub minnha. Illi dan nonostante is-socjeta konvenuta fl-ebda stadju tal-proceduri ma resqet xi prova konkreta li jew ix-xoghol maghmul mis-socjeta attrici ma kienx skond is-sengha u l-arti u lanqas ma pprovat li d-debitu dovut huma f'somma verjuri.

**Ghaldaqstant l-Qorti qieghda filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' tmint elef tmien mija u sitta u erbghin euro (8846 euro).**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat fil-hdax (11) t'Ottubru 2007 u bl-imghaxijiet legali sa l-effettiv pagament jithalsu mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------